

Il-Ġurnal Uffiċjali C 369

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

3 ta' Novembru 2020

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 369/01	Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar Prattiki Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Marzu 2019 rigward abbozz ta' deċiżjoni fil-Każ AT.40411 Google Search (AdSense) Relatur: Il-Kroazja	1
2020/C 369/02	Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar Prattiki Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Marzu 2019 rigward abbozz ta' deċiżjoni fil-każ AT.40411 Google Search (AdSense) Relatur: Il-Kroazja	2
2020/C 369/03	Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta Google Search (AdSense) (AT.40411)	3
2020/C 369/04	Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2019 li jirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (il-Każ AT.40411 — Google Search (AdSense)) (notifikata bid-dokument numru C(2019) 2173)	6
2020/C 369/05	Rata tal-kambju tal-euro — It-30 ta' Ottubru 2020	11
2020/C 369/06	Rata tal-kambju tal-euro — It-2 ta' Novembru 2020	12

Il-Qorti tal-Awdituri

2020/C 369/07	Rapport Speċjali Nru 23/2020 "L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal: Wasal iż-żmien biex il-proċess tal-għażla jiġi adattat għall-ħtiġijiet ta' reklutaġġ li qed jinbidlu"	13
---------------	--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	----

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2020/C 369/08	Avviż mill-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja li jikkonċerna d-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u għall-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi	14
---------------	---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	----

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 369/09	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9985 — GardaWorld/G4S) Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	19
2020/C 369/10	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9609 — Mann Mobilia/Tessner Holding/Tejo/Roller) ⁽¹⁾	21

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar prattiki restrittivi u pożizzjonijiet dominanti fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Marzu 2019 rigward abbozz ta' deċiżjoni fil-Każ AT.40411 Google Search (AdSense)

Relatur: Il-Kroazja

(2020/C 369/01)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, għall-finijiet ta' dan il-każ, is-swieq tal-prodotti rilevanti huma s-suq għar-reklamar fil-kuntest ta' tiftix online u s-suq għall-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, għall-finijiet ta' dan il-każ, is-suq ġeografiku rilevanti għar-reklamar fil-kuntest ta' tiftix online għandu ambitu nazzjonali.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, għall-finijiet ta' dan il-każ, is-suq ġeografiku rilevanti għall-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online għandu ambitu mifrux maż-ŻEE kollha.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li Google kellha pożizzjoni dominanti fis-suq fil-każ tal-intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar fil-kuntest ta' tiftix online bejn mill-inqas l-2006 u l-2016.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-Klawsola ta' Esklużività f'kuntratti fir-rigward tas-siti kollha tas-Sħab Diretti tikkostitwixxi abbuż tal-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-suq taż-ŻEE fil-każ tal-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 102 tat-TFUE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE.
6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-Klawżola dwar Tqegħid Vantaġġjuż u Minimu ta' Reklami ta' Google tikkostitwixxi abbuż tal-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-suq taż-ŻEE għal intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 102 tat-TFUE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE.
7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-Klawsola ta' Awtorizzazzjoni ta' Reklami Ekwivalenti tikkostitwixxi abbuż mill-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-suq taż-ŻEE fejn tidħol l-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 102 tat-TFUE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-imġiba kollha msemmija hawn fuq tikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu kif deskritt fl-abbozz ta' deċiżjoni.
9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni rigward id-durata tal-ksur deskritt fl-abbozz ta' deċiżjoni.
10. Il-Kumitat Konsultattiv jitlob lill-Kummissjoni biex tqis l-osservazzjonijiet li saru matul il-laqgħa.
11. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar prattiki restrittivi u pożizzjonijiet dominanti fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Marzu 2019 rigward abbozz ta' deċiżjoni fil-każ AT.40411 Google Search (AdSense)

Relatur: Il-Kroazja

(2020/C 369/02)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li jenħtieġ li tiġi imposta multa fuq id-destinatarji tal-abbozz ta' deċiżjoni.
 2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li d-dħul gross ta' Google iġġenerat fiż-ŻEE mill-attività ta' Google ta' intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online jenħtieġ li jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa.
 3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont bażiku tal-multa stabbilita f'dan il-każ.
 4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li jenħtieġ li jiġi applikat ammont addizzjonali ("miżata tad-dħul") f'dan il-każ.
 5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li ma hemmx ċirkustanzi aggravanti u l-ebda ċirkustanzi mitiganti applikabbli f'dan il-każ.
 6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li jenħtieġ li jiġi applikat multiplikatur ta' deterrenza f'dan il-każ.
 7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont finali tal-multa.
 8. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
-

Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta ⁽¹⁾**Google Search (AdSense)****(AT.40411)**

(2020/C 369/03)

Introduzzjoni

- (1) L-abbozz ta' deċiżjoni jikkonċerna l-imġiba tal-impriża li tinkludi lil Google LLC (li qabel kienet Google Inc. ^(?)) u Alphabet Inc. ^(?) (flimkien jew b'mod alternanti kif meħtieġ mill-kuntest, "Google") fir-rigward ta' ċerti klawżoli fil-ftehimiet tagħha ma' siti web (pubblikaturi) terzi rilevanti li jobligawhom li (i) jakkwistaw ir-rekwiżiti tagħhom kollha, jew il-biċċa l-kbira minnhom, ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online minn Google; (ii) jirriżervaw l-aktar spazju prominenti fuq il-paġni tar-riżultati ta' tiftix tagħhom għal numru minimu ta' reklami fil-kuntest ta' tiftix online minn Google; kif ukoll li (iii) jiksbu l-approvazzjoni ta' Google qabel ma jagħmlu tibdiliet fil-mod kif jidhru reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' kompetituri ta' Google.
- (2) Dan il-każ ħareġ minn diversi lmenti ⁽⁴⁾. Il-Kummissjoni inizjalment ipproċediet permezz tal-proċedura skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ⁽⁵⁾, qabel ma marret lura għall-proċedura prevista fl-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament ⁽⁶⁾.

Id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet

- (3) Fl-14 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni indirizzat dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet (id- "DO") lil Google Inc. u Alphabet Inc. li tistabilixxi l-konklużjonijiet preliminari tagħha fir-rigward tal-klawżoli deskritti fil-paragrafu (1) hawn fuq, jikkostitwixxu ksur separat tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE kif wkoll ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE ⁽⁷⁾.
- (4) Google kisbet aċċess għall-parti l-kbira tal-fajl ta' l-investigazzjoni aċċessibbli fis-26 ta' Lulju 2016 permezz ta' CD-ROM/DVD kriptat ⁽⁸⁾. F'Settembru 2016, id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni ("DG Kompetizzjoni") organizza proċedura tal-kamra tad-*data* għal ċerta informazzjoni sensitiva li l-Kummissjoni kienet kisbet mingħand partijiet terzi. Google indirizzat lili serje ta' talbiet skont l-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE u talbet aċċess ulterjuri għal dokumenti li kienu ġew provduti lil Google b'siltiet moħbija. F'dan il-kuntest, Google indika li lest jaċċetta żvelar ristrett, fejn meħtieġ, permezz ta' proċeduri tal-kamra tad-*data* jew ta' ċrieki ta' kunfidenzjalità ⁽⁹⁾. Wara l-intervent tiegħi, ġew żvelati verżjonijiet b'anqas, jew bl-ebda, siltiet moħbija ta' ħafna minn dawn id-dokumenti, fxi każijiet permezz ta' proċedura tal-kamra tad-*data* jew permezz ta' proċeduri taċ-ċirku tal-kunfidenzjalità. Jien irrifjutajt it-talba ta' Google fir-rigward ta' numru limitat ta' dokumenti mitluba minn Google peress li l-aċċess għal partijiet moħbija tad-dokumenti ma kienx meħtieġ għall-finijiet tal-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' Google li tinstema'.

⁽¹⁾ Skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29) ("id-Deċiżjoni 2011/695/UE").

⁽²⁾ F'Settembru 2017, Google Inc. biddlet il-forma ġuridika tagħha u saret Google LLC.

⁽³⁾ Kumpanija *holding* li nħolqot bħala parti mir-riorganizzazzjoni tal-impriża, u li hija proprjetarja tat-totalità ta' Google LLC (li qabel kienet Google Inc.) mill-2 ta' Ottubru 2015.

⁽⁴⁾ Lista sħiħa ta' dawk li ressqu ilment tidher fil-paragrafu (6) hawn taħt.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

⁽⁶⁾ Fit-30 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni kienet diġà bdiet proċeduri kontra Google Inc. f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE, ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18 ("ir-Regolament (KE) Nru 773/2004"), fir-rigward ta' numru ta' prattiki taħt il-każ numru AT.39740, li minnhom ġie mifrud il-każ preżenti.

⁽⁷⁾ Fl-istess ħin, il-Kummissjoni bdiet ukoll proċeduri kontra Alphabet Inc.

⁽⁸⁾ L-aċċess għall-fajl fir-rigward tal-Każ AT.39740 kien ġie pprovdut preċedementem.

⁽⁹⁾ Sussegwentem Google irtira t-talbiet tiegħu għal madwar kwart tad-dokumenti rilevanti.

- (5) Google irrispondiet għad-DO fit-3 ta' Novembru 2016 ⁽¹⁰⁾. Hija ma talbitx seduta ta' smigħ.

Il-parteċipazzjoni tal-Kwerelanti u ta' Persuni Terzi Interessati

- (6) Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti rilevanti għall-proċedimenti preżenti minn Ciao GmbH ("Ciao"), ⁽¹¹⁾ Microsoft Corporation ("Microsoft"), Expedia Inc. ("Expedia"), l-Inizjattiva għal Suq Online Kompetittiv ("ICOMP"), Tradecomet.com Ltd u l-kumpanija prinċipali tagħha Tradecomet LLC ("TradeComet"), DeutscheTelekom AG ("Deutsche Telekom") u Kelkoo SAS ("Kelkoo") ⁽¹²⁾. Google kkummentat dwar kull wieħed minn dawn l-ilmenti. Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004, il-kwerelanti involuti ngħataw verżjoni mhux kunfidenzjali tad-DO.
- (7) Jien inkludejt fil-proċedimenti żewġ partijiet terzi interessati li wrew li għandhom interess suffiċjenti għall-finijiet tal-Artikolu 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 u tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE ⁽¹³⁾. Id-DĠ Kompetizzjoni infurmahom, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004, bin-natura u s-suġġett tal-proċedimenti, u tahom l-opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub.

L-Ittra tal-Fatti

- (8) Fis-6 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni indirizzat l-ewwel "ittra tal-fatti" lil Google ("l-Ewwel Ittra tal-Fatti"). Dak inhar, ingħata aċċess għall-fajl ta' wara d-DO lil Google permezz ta' CD kriptat. F'Ġunju 2017 ġiet organizzata proċedura tal-kamra tad-*data*.
- (9) Fit-3 ta' Lulju 2017, Google wieġeb għall-Ewwel Ittra tal-Fatti.
- (10) Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni indirizzat ittra oħra tal-fatti lil Google ("it-Tieni Ittra tal-Fatti"). Fl-istess jum, Google ingħatat aċċess ulterjuri għall-fajl fir-rigward tad-dokumenti kollha li l-Kummissjoni kienet kisbet wara l-Ewwel Ittra tal-Fatti sad-*data* tat-Tieni Ittra tal-Fatti.
- (11) Fil-15 ta' Jannar 2018, Google wieġbet għat-Tieni Ittra tal-Fatti.

Noti dwar laqgħat u rimarki oħra dwar il-proċedura

- (12) Mal-wasla ta', rispettivament, id-DO u tal-Ewwel Ittra tal-Fatti, kif ukoll wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'*Intel vs il-Kummissjoni*, ⁽¹⁴⁾ Google talbet ukoll aċċess għan-noti tal-laqgħat mal-kwerelanti jew partijiet terzi oħra li kien aktar sħiħ minn dak li għalih kien diġà kellha aċċess.
- (13) Jien irrifutajt l-ewwel u t-tieni talbiet relatati ta' Google li saru lili, skont l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE peress li, fejn ma kien hemm l-ebda noti aktar dettaljati fil-fajl tal-Kummissjoni, ma kien hemm xejn li kien is-suġġett ta' talba għal aċċess għall-fajl.
- (14) Qabel it-tielet talba lili, minn Google, għan-noti dwar il-laqgħat, id-DĠ Kompetizzjoni kien ipprova, f'Marzu 2018, wara s-sentenza

⁽¹⁰⁾ Fl-ittra ta' akkumpanjament għat-tweġiba tiegħu Google iddikjarat li kien qiegħed jirriżerva d-dritt li jissupplimenta din it-tweġiba wara r-riżoluzzjoni tat-talbiet pendenti (u li ġejjin) lili skont l-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE. Google ssupplimentat t-tweġiba tagħha permezz ta' ittra datata s-6 ta' Marzu 2017.

⁽¹¹⁾ L-ilment minn Ciao ġie riallokati lill-Kummissjoni mill-Bundeskartellamt (il-Ġermanja) skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni man-Netzwerk tal-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni (ĠU C 101, 27.4.2004, p. 43);

⁽¹²⁾ L-ilmenti minn Microsoft u Ciao ġew irtirati fil-21 ta' April 2016.

⁽¹³⁾ Id-DĠ Kompetizzjoni kiteb lill-persuni terzi interessati fil-Każ AT.39740 biex jinfurmahom li ma kinux se jiġu ammessi awtomatikament għall-proċedimenti f'dan il-każ u li, jekk ikunu jixtiequ li jiġu ammessi, ikunu jridu japplikaw u jagħtu xhieda ta' interess suffiċjenti. Applikant wieħed ma ġiex ammess minħabba li ma wegħibx għal invit biex jipprovdni kjarizza suffiċjenti dwar l-interess tiegħu fil-proċedimenti, li tkun tippermetteli nevalwa l-applikazzjoni tiegħu.

⁽¹⁴⁾ Sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, C-413/14, EU:C:2017:632.

Intel vs Il-Kummissjoni msemija hawn fuq, għadd ta' minuti riveduti tal-laqgħat u s-sejħiet bejn id-DĠ Kompetizzjoni u partijiet terzi, bi spjegazzjoni li dawn kienu thejgew wara kuntatti mid-DĠ Kompetizzjoni ma' partijiet terzi involuti. Google ilmentat miegħi li din it-tweġiba ma kienitx sodisfaċenti. Sa fejn it-talba ta' Google kienet tammonta għal talba għal aċċess ulterjuri għall-fajl skont l-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE fir-rigward tal-bqija tas-siltiet moħbija li kien fadal fin-noti riveduti pprovduti mid-DĠ Kompetizzjoni, jiena għamilt arranġamenti biex id-DĠ Kompetizzjoni jipprovidi aċċess għal verżjonijiet b'anqas siltiet moħbija ta' żewġ noti ta' sejħiet ⁽¹⁵⁾. Fir-rigward tas-siltiet moħbija li kien fadal, kont sodisfatt li dawn għandhom jinżammu. Sa fejn it-talba ta' Google tista' tiġi interpretata bħala li qiegħda tfittex aċċess ulterjuri għal dokumenti oħra fil-pussess tal-Kummissjoni, jien ikkunsidrajt tali talba bħala mingħajr skop wara verifika mad-DĠ Kompetizzjoni ⁽¹⁶⁾. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-materjal ipprovdut mar-reazzjoni tad-DĠ Kompetizzjoni kienx jissodisfa, sa fejn huwa applikabbli, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1/2003 kif imsemija fis-sentenza *Intel vs Il-Kummissjoni*, jiena ma kellix il-kompetenza li nissostitwixxi b'deċiżjoni, fisem il-Kummissjoni, evalwazzjoni oħra għal dik tad-DĠ Kompetizzjoni. Fi kwalunkwe każ, abbażi tal-informazzjoni disponibbli u tas-sottomissjonijiet li saruli fir-rigward tal-provvista tad-dokumentazzjoni tal-laqgħat, ma jidherx li kien hemm ksur tad-drittijiet ta' difiża ta' Google li jtapnu l-legalità tal-abbozz ta' deċiżjoni.

- (15) Google allega wkoll li l-Kummissjoni kienet kisret id-drittijiet ta' difiża tiegħu billi ma ħallitux jivverifika l-kalkoli tal-kopertura tas-suq li jinsabu fit-Tieni Ittra tal-Fatti, billi naqset milli tadotta dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet supplimentari, u naqset milli tipprovidi raġunijiet adegwati għaliex il-Kummissjoni marret lura għall-proċedura skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 fl-2014, wara tentattivi preċedenti biex tadotta deċiżjoni dwar l-impjenji skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003. L-abbozz ta' deċiżjoni jirrifjuta dawn l-allegazzjonijiet. Jien ma rċevajt l-ebda ilment dirett minn Google fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet, u ma għandi l-ebda indikazzjoni li d-drittijiet ta' difiża ta' Google ġew miksuru f'dan ir-rigward.

L-Abbozz ta' Deċiżjoni

- (16) Skont l-Artikolu 16(1) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE, jien eżaminajt l-abbozz tad-deċiżjoni sabiex nikkunsidra jekk l-abbozz tad-deċiżjoni jittrattax biss l-oġġezzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-partijiet ingħataw l-opportunità li jistqarru l-opinjonijiet tagħhom. Il-konklużjoni tiegħi hija li dan huwa l-każ.
- (17) Kumplessivament, inqis li l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali ġie rrispettat matul il-proċedimenti.

Brussell, id-19 ta' Marzu 2019

Joos STRAGIER

⁽¹⁵⁾ Google ikkonfermat f'email lid-DĠ Kompetizzjoni li ma kienitx bi ħsieba tagħmel aktar sottomissjonijiet fir-rigward tal-materjali li rċeviet, peress li l-kwistjonijiet rilevanti kienu diġà koperti mis-sottomissjonijiet preċedenti ta' Google .

⁽¹⁶⁾ Id-DĠ Kompetizzjoni kien ikkonfermali li ma kienx hemm (verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta') dokumenti oħra fil-pussess tal-Kummissjoni li kien fihom xi kont ta' laqgħat jew sejħiet li saru bil-għan li tinġabar informazzjoni relatata mas-suġġett tal-investigazzjoni f'dan il-każ.

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni**tal-20 ta' Marzu 2019****li jirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE****(il-Każ AT.40411 — Google Search (AdSense))***(notifikata bid-dokument numru C(2019) 2173)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

(2020/C 369/04)

Fl-20 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003⁽¹⁾, il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluża kull penali imposti, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

1. INTRODUZZJONI

- (1) Id-Deċiżjoni tistabbilixxi li l-inklużjoni tal-Klawsola ta' Esklussività, il-Klawżola dwar Tqegħid Vantaġġjuż u Minimu ta' Reklami ta' Google u l-Klawsola ta' Awtorizzazzjoni ta' Reklami Ekwivalenti, minn Google Inc. ("Google") fil-Ftehimiet tagħha dwar is-Servizzi ta' Google ("FSGs"), konklużi mal-klijenti l-kbar tagħha ta' servizzi ta' intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online ("Sħab Diretti"), kisru l-Artikolu 102 tat-TFUE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni tordna lil Google biex tieqaf milli tapplika l-klawżoli msemminja hawn fuq sakemm ma għamlitx dan diġà u biex tastjeni milli timplimenta kwalunkwe miżura li jkollha objettiv jew effett ekwivalenti. Id-Deċiżjoni timponi multa b'rabta mal-imġiba abbużiva fuq Google Inc. fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sas-6 ta' Settembru 2016 kif ukoll fuq Alphabet Inc. ("Alphabet") għall-perjodu mill-2 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Settembru 2016.

2. DEFINIZZJONI U DOMINANZA TAS-SUQ

- (3) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li s-swieg tal-prodott rilevanti għall-fini ta' dan il-każ huma s-suq għal reklamar fil-kuntest ta' tiftix online u s-suq għall-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online.
- (4) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-forniment ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online jikkostitwixxi suq tal-prodott rilevanti distint minħabba li mhuwiex sostitwibbli ma': (i) reklamar offline; (ii) reklamar fuq l-internet mhux konness ma' tiftix; u lanqas ma' (iii) riżultati ta' tiftix speċjalizzati mħallsa. Id-Deċiżjoni tikkonkludi li, minħabba l-ispeċifità jiet lingwistiċi u kulturali li jaffettwaw l-imġieba tal-operaturi f'dan is-suq, l-ambitu ġeografiku ta' dan is-suq huwa nazzjonali.
- (5) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li s-suq għall-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online jikkostitwixxi suq tal-prodott rilevanti distint minħabba li hemm sostitwibbiltà limitata ma': (i) bejgħ dirett online; u ma' (ii) servizzi ta' intermedjazzjoni għal reklami fuq l-internet, mhux konnessi ma' tiftix. Id-Deċiżjoni tikkonkludi li s-suq għall-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online għandu ambitu mifruż maż-ŻEE kollha, minħabba li l-operaturi f'dan is-suq huma kapaċi jadattaw is-servizzi tagħhom skont l-ispeċifità jiet lingwistiċi u kulturali tal-Istati Membri tal-UE jew tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE li fihom jkunu qiegħdin joperaw.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

Il-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-swieg nazzjonali ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online

- (6) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google kellha pożizzjoni dominanti mill-inqas fis-swieg nazzjonali li ġejjin fir-reklamar fil-kuntest ta' tiftix online fiż-ŻEE u tal-inqas għall-perjodi li ġejjin:
- bejn l-2006 u l-2016 fl-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, Spanja u r-Renju Unit;
 - bejn l-2007 u l-2016 fin-Norveġja u l-Polonja;
 - bejn l-2008 u l-2016 fl-Ungerija, ir-Rumanija u l-Isvezja;
 - bejn l-2009 u l-2016 fil-Finlandja u s-Slovenja;
 - bejn l-2010 u l-2016 fil-Bulgarija u s-Slovakkja;
 - bejn l-2011 u l-2016 fiċ-Ċekja; kif ukoll
 - bejn l-1 ta' Lulju 2013 u l-2016 fil-Kroazja.
- (7) Din il-konklużjoni hija bbażata fuq is-sehem mis-suq ta' Google u tal-fornituri kompetituri ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online, u fuq evidenza li turi li s-swieg nazzjonali għar-reklamar fil-kuntest ta' tiftix online fiż-ŻEE huma kkaratterizzati minn ostakli sinifikanti għad-dħul u l-espansjoni. Dawn l-ostakli għad-dħul u l-espansjoni jinkludu l-investimenti sostanzjali meħtieġa biex wieħed jidħol fis-suq, l-eżistenza ta' effetti tan-netwerk u n-nuqqas ta' setgħa kompensatorja tax-xerrej.

Il-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-suq taż-ŻEE għall-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online

- (8) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google kellha pożizzjoni dominanti fis-suq taż-ŻEE għall-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online tal-inqas bejn l-2006 u l-2016.
- (9) Din il-konklużjoni hija bbażata fuq is-sehem mis-suq ta' Google u ta' l-intermedjarji kompetituri fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online u evidenza li turi li s-suq taż-ŻEE għall-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online huwa kkaratterizzat minn ostakli sinifikanti għad-dħul u l-espansjoni. Dawn l-ostakli għad-dħul u l-espansjoni jinkludu l-investimenti sostanzjali meħtieġa biex wieħed jidħol fis-suq, l-eżistenza ta' effetti tan-netwerk u n-nuqqas ta' setgħa kompensatorja tax-xerrej.

3. ABBUŻ TA' POŻIZZJONI DOMINANTI

- (10) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li mill-1 ta' Jannar 2006 sas-6 ta' Settembru 2016, Google kisret l-Artikolu 102 TFUE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE billi wettqet tliet tipi distinti ta' aġir, li flimkien kienu jikkostitwixxu ksar uniku u kontinwu.
- (11) L-ewwel nett, id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq taż-ŻEE kollu fejn tidħol l-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online billi inkludiet l-Klawwola ta' Esklużività fil-FSGs mas-Sħab Diretti li kellhom l-inventarju tar-reklamar kollu tagħhom kopert. Dik il-klawwola kienet tobbliga lil dawk is-Sħab Diretti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online, kollha jew il-biċċa l-kbira tagħhom, mingħand Google.
- (12) It-tieni, id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq taż-ŻEE għal intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online billi daħħlet il-Klawwola dwar Tqegħid Vantaġġjuż u Minimu ta' Reklami ta' Google fil-FSGs mas-Sħab Diretti. Dik il-klawwola tobbliga lis-Sħab Diretti biex jirriżervaw l-aktar spazju prominenti fuq il-paġni tagħhom ta' riżultati tat-tiftix, koperti mill-FSG rilevanti, għal numru minimu ta' reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' Google.
- (13) It-tielet, id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq taż-ŻEE fejn tidħol l-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online, billi daħħlet il-Klawwola ta' Awtorizzazzjoni ta' Reklami Ekwivalenti fil-FSGs ma' Sħab Diretti. Dik il-klawwola tobbliga lis-Sħab Diretti biex jitolbu l-approvazzjoni ta' Google qabel ma jagħmlu tibdil għall-wiri ta' reklami kompetituri fil-kuntest ta' tiftix online fuq siti web koperti mill-FSG rilevanti.

Abbuż tal-pożizzjoni dominanti ta' Google: Klawżola ta' esklussività

- (14) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li, bejn l-1 ta' Jannar 2006 u l-31 ta' Marzu 2016, l-inklużjoni tal-Klawżola ta' Esklussività fil-FSGs ta' Sħab Diretti li kellhom l-inventarju ta' reklamar kollu tagħhom kopert, kien jikkostitwixxi abbuż tal-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-suq taż-ŻEE fejn tidħol l-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online.
- (15) L-ewwel nett, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-inklużjoni tal-Klawżola ta' Esklussività fil-FSGs ma' Sħab Diretti li kellhom l-inventarju tar-reklamar kollu tagħhom kopert, kien jikkostitwixxi obbligu ta' provvista esklużiva. Id-Deċiżjoni tispjega li l-Klawżola ta' Esklussività tobbliga li s-Sħab Diretti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tagħhom fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online minn Google għas-siti web inklużi fil-FSGs u li s-Sħab Diretti ma setgħux ineħħu xi sit web mill-ambitu ta' xi FSG mingħajr il-kunsens ta' Google.
- (16) It-tieni, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-inklużjoni tal-Klawżola ta' Esklussività fil-FSGs ma' Sħab Diretti li kellhom l-inventarju tar-reklamar kollu tagħhom kopert, kienet kapaċi tirrestrinġi l-kompetizzjoni, minħabba li din: (i) tiskoraġġixxi lil dawk is-Sħab Diretti milli jakkwistaw reklami kompetituri fil-kuntest ta' tiftix online; (ii) ma tħallix aċċess minn fornituri kompetituri ta' servizzi tal-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online għal parti sinifikanti tas-suq taż-ŻEE għal intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online; (iii) jista' jkun li tiskoraġġixxi l-innovazzjoni; (iv) għenet lil Google żomm u saħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha f'kull suq nazzjonali għar-reklamar fil-kuntest ta' tiftix online fiż-ŻEE, ħlief fil-Portugall; kif ukoll (v) jista' jkun li kkawżat danni għall-konsumaturi.
- (17) It-tielet, id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google ma urietx li l-inklużjoni tal-Klawżola ta' Esklussività fil-FSGs ma' Sħab Diretti li kellhom l-inventarju tar-reklamar kollu tagħhom kopert, kienet oġġettivament ġustifikata jew li l-effett ta' esklużjoni ta' dik il-klawżola kien kontrobalanċjat, jew anki megħlub, permezz ta' vantaġġi f'termini ta' gwadanji fl-effiċjenza li huma ta' benefiċċju anki għall-konsumaturi. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google ma pprovdietx evidenza suffiċjenti li l-inklużjoni tal-Klawżola ta' Esklussività kienet meħtieġa biex tappoġġa l-investimenti speċifiċi għall-konsumatur fir-rigward ta' dawk is-Sħab Diretti u biex tiġġustifika l-investment meħtieġ biex titmexxa, tinżamm u tittejjeb il-kwalità tal-pjattaforma tagħha ta' intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online.

Abbuż tal-pożizzjoni dominanti ta' Google: il-Klawżola dwar Tqegħid Vantaġġjuż u Minimu ta' Reklami ta' Google

- (18) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li, bejn il-31 ta' Marzu 2009 u s-6 ta' Settembru 2016, l-inklużjoni tal-Klawżola dwar Tqegħid Vantaġġjuż u Minimu ta' Reklami ta' Google fil-FSGs ma' Sħab Diretti kienet tikkostitwixxi abbuż mill-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-suq taż-ŻEE għal intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online.
- (19) L-ewwel nett, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-inklużjoni tal-Klawżola dwar Tqegħid Vantaġġjuż u Minimu ta' Reklami ta' Google fil-FSGs mas-Sħab Diretti kienet tobbliga li s-Sħab Diretti jirriżervaw l-aktar spazju prominenti u għalhekk dak l-aktar profittabbli fuq il-paġni tar-riżultati tat-tiftix tagħhom għal reklamar fil-kuntest ta' tiftix online ta' Google, u biex iżommu lura milli jqiegħdu reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' kompetituri f'pożizzjoni li tkun qrib eżatt jew' il fuq mir-reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' Google. Id-Deċiżjoni tispjega li l-profittabbiltà ta' reklam fil-kuntest ta' tiftix online tiddependi mill-pożizzjonament tiegħu fuq il-paġna tar-riżultati tat-tiftix, u li l-isparju ta' fuq ir-riżultati organiċi tikkostitwixxi l-pożizzjoni l-aktar profittabbli minħabba l-fatt li huwa aktar probabbli li l-konsumaturi jikklikkjaw fuq reklami pożizzjonati fuq ir-riżultati organiċi.
- (20) It-tieni, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-inklużjoni tal-Klawżola dwar Tqegħid Vantaġġjuż u Minimu ta' Reklami ta' Google fil-FSGs mas-Sħab Diretti tobbliga lis-Sħab Diretti biex jimlew l-aktar spazju prominenti fuq il-paġni tar-riżultati ta' tiftix tagħhom b'numru minimu ta' reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' Google. Konsegwentement, is-Sħab Diretti li riedu jakkwistaw biss numru limitat ta' reklami fil-kuntest ta' tiftix online kienu obbligati li jakkwistawhom kollha minn Google.
- (21) It-tielet, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-inklużjoni ta' Klawżola dwar Tqegħid Vantaġġjuż u Minimu ta' Reklami ta' Google fil-FSGs ma' Sħab Diretti kienet kapaċi tirrestrinġi l-kompetizzjoni għaliex: (i) kienet tiskoraġġixxi lis-Sħab Diretti milli jakkwistaw reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' kompetituri; (ii) ma tħallix aċċess minn fornituri kompetituri ta' intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online għal parti sinifikanti tas-suq taż-ŻEE għal intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online; (iii) jista' jkun li tiskoraġġixxi l-innovazzjoni; (iv) għenet lil Google żomm u saħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha f'kull suq nazzjonali għar-reklamar fil-kuntest ta' tiftix online fiż-ŻEE, ħlief fil-Portugall; kif ukoll (v) jista' jkun li kkawżat danni għall-konsumaturi.

- (22) Ir-raba', id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google ma urietx li l-inklużjoni tal-Klawżola dwar Tqegħid Vantaġġjuż u Minimu ta' Reklami ta' Google fil-FSGs ma' Sħab Diretti kienet oġġettivament ġustifikata jew li l-effett ta' esklużjoni ta' dik il-klawżola kien kontrobilanċjat, jew anki meġhlob, permezz ta' vantaġġi f'termini ta' gwadanji fl-effiċjenza li huma ta' benefiċċju anki għall-konsumaturi. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google ma pprovdietx evidenza suffiċjenti li l-inklużjoni ta' Klawżola dwar Tqegħid Vantaġġjuż u Minimu ta' Reklami ta' Google fil-FSGs ma' Sħab Diretti kienet meħtieġa biex tiġġustifika l-investimenti speċifiċi għall-konsumatur fir-rigward ta' dawk is-Sħab Diretti u biex iżżomm ir-rilevanza tar-reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' Google.

Abbuż tal-pożizzjoni dominanti ta' Google: il-Klawżola ta' Awtorizzazzjoni ta' Reklami Ekwivalenti

- (23) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li, bejn il-31 ta' Marzu 2009 u s-6 ta' Settembru 2016, l-inklużjoni tal-Klawżola ta' Awtorizzazzjoni ta' Reklami Ekwivalenti fil-FSGs ma' Sħab Diretti kienet tikkostitwixxi abbuż tal-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-suq taż-ŻEE fejn tidħol l-intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online.
- (24) L-ewwel nett, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-inklużjoni tal-Klawżola ta' Awtorizzazzjoni ta' Reklami Ekwivalenti fil-FSGs mas-Sħab Diretti obbligat lis-Sħab Diretti li jfittxu l-approvazzjoni ta' Google qabel ma jagħmlu kwalunkwe bidla fil-mod kif jintwerew reklami fil-kuntest ta' tiftix online li jikkompetu.
- (25) It-tieni, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-inklużjoni ta' Klawżola ta' Awtorizzazzjoni ta' Reklami Ekwivalenti fil-FSGs ma' Sħab Diretti kienet kapaċi tirrestrinġi l-kompetizzjoni għaliex: (i) kienet tiskoraġġixxi lis-Sħab Diretti milli jakkwistaw reklami fil-kuntest ta' tiftix online kompetituri; (ii) ma ħallietx lill-kompetituri ta' Google li jkollhom aċċess għal parti sinifikanti tas-suq taż-ŻEE għal intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar fil-kuntest ta' tiftix online; (iii) jista' jkun li skoraġġiet l-innovazzjoni; (iv) għenet lil Google iżomm il-pożizzjoni dominanti tiegħu; kif ukoll (v) jista' jkun li kkawżat danni għall-konsumaturi.
- (26) It-tielet, id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google ma urietx li l-inklużjoni tal-Klawżola ta' Awtorizzazzjoni ta' Reklami Ekwivalenti fil-FSGs ma' Sħab Diretti kienet oġġettivament ġustifikata jew li l-effett ta' esklużjoni ta' dik il-klawżola kien kontrobilanċjat, jew anki meġhlob, permezz ta' vantaġġi f'termini ta' gwadanji fl-effiċjenza li huma ta' benefiċċju anki għall-konsumaturi. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google ma pprovdietx evidenza suffiċjenti li s-Sħab Diretti għandhom ikunu responsabbli għall-konformità tar-reklami kompetituri mal-istandards tal-kwalità ta' Google, u ma pprovdietx biżżejjed evidenza li l-Klawżola ta' Awtorizzazzjoni ta' Reklami Ekwivalenti kienet meħtieġa biex jiġu evitati Prattiki qarrieqa fuq siti li wkoll urew reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' Google.

L-effett fuq in-negozju

- (27) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-imġiba ta' Google kellha effett li jinħass fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE u bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE.

Tul ta' żmien

- (28) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-perjodu tal-ksur uniku u kontinwu kien ta' 10 snin, tmien xhur u sitt ijiem. Fir-rigward ta' Google, id-data tal-bidu tal-ksur uniku u kontinwu kienet l-1 ta' Jannar 2006 u d-data tat-tmiem tiegħu kienet is-6 ta' Settembru 2016. Fir-rigward ta' Alphabet, id-data tal-bidu tal-ksur uniku u kontinwu kienet it-2 ta' Ottubru 2015 u d-data tat-tmiem tiegħu kienet is-6 ta' Settembru 2016.

Rimedji

- (29) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li Google u Alphabet għandhom itemmu l-imġiba sakemm għadhom ma għamlux hekk, u jżommu lura minn kwalunkwe att jew imġiba li jkollhom l-istess għan jew effett jew għan jew effetti simili.
- (30) Konsegwentement, Google u Alphabet ma jistgħux: (i) jagħmlu l-akkwist ta' reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' Google kundizzjonali fuq rekwiżiti bil-miktub jew mhux miktuba li jobbligaw lis-Sħab Diretti jirriżervaw l-aktar spazju prominenti fuq il-paġni tar-riżultati tat-tiftix tagħhom koperti mill-FSG rilevanti għar-riklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' Google; (ii) jagħmlu l-akkwist ta' reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' Google kundizzjonali fuq rekwiżiti bil-miktub jew mhux miktuba li jobbligaw lis-Sħab Diretti jimlew l-aktar spazju prominenti fuq ir-riżultati tat-tiftix tagħhom fuq il-paġni koperti mill-FSG rilevanti b'numru minimu ta' reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta'

Google. (iii) jagħmlu l-iffirmar ta' FSG kundizzjonali fuq l-aċċettazzjoni minn xi Sieħeb Dirett ta' kundizzjonijiet bil-miktub jew mhux miktuba li jobbligaw lil Sħab Diretti jitolbu l-approvazzjoni ta' Google qabel ma jagħmlu kwalunkwe bidla fil-mod kif jidhru r-reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' kompetituri ; kif ukoll (iv) jikkastigaw jew jheddu lis-Sħab Diretti li jkunu ddeċidew li jakkwistaw reklami fil-kuntest ta' tiftix online ta' kompetituri.

4. MULTA

- (31) Il-multa imposta fuq Alphabet Inc. u fuq Google Inc. minħabba imġiba abbużiva hija kkalkulata abbażi tal-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-2006 dwar il-metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003. Id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-ammont finali tal-multa imposta fuq Alphabet Inc. u Google Inc. huwa: EUR 1 494 459 000, li minnhom EUR 130 135 475, b'obbligazzjoni in solidum ma' Alphabet Inc..

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾**It-30 ta' Ottubru 2020**

(2020/C 369/05)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1698	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5556
JPY	Yen Ġappuniż	122,36	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,0706
DKK	Krona Daniża	7,4466	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7565
GBP	Lira Sterlina	0,90208	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5952
SEK	Krona Żvediża	10,3650	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 324,20
CHF	Frank Żvizzeru	1,0698	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	19,0359
ISK	Krona İzlandiża	164,40	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8158
NOK	Krona Norveġiża	11,0940	HRK	Kuna Kroata	7,5748
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	17 108,33
CZK	Krona Ċeka	27,251	MYR	Ringgit Malażjan	4,8588
HUF	Forint Ungeriż	367,45	PHP	Peso Filippin	56,635
PLN	Zloty Pollakk	4,6222	RUB	Rouble Russu	92,4606
RON	Leu Rumun	4,8725	THB	Baht Tajlandiż	36,439
TRY	Lira Turka	9,7940	BRL	Real Brażiljan	6,7607
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6563	MXN	Peso Messikan	24,8416
			INR	Rupi Indjan	87,1115

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾**It-2 ta' Novembru 2020**

(2020/C 369/06)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1652	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5466
JPY	Yen Ġappuniż	121,93	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,0327
DKK	Krona Daniża	7,4455	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7565
GBP	Lira Sterlina	0,90053	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5903
SEK	Krona Żvediża	10,3625	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 320,61
CHF	Frank Żvizzeru	1,0695	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	18,8972
ISK	Krona İzlandiża	163,50	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,7962
NOK	Krona Norveġiża	11,1128	HRK	Kuna Kroata	7,5695
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	17 064,82
CZK	Krona Ċeka	27,131	MYR	Ringgit Malajżjan	4,8443
HUF	Forint Ungeriż	366,24	PHP	Peso Filippin	56,407
PLN	Zloty Pollakk	4,6018	RUB	Rouble Russu	93,7450
RON	Leu Rumun	4,8674	THB	Baht Tajlandiż	36,249
TRY	Lira Turka	9,8332	BRL	Real Brażiljan	6,6916
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6533	MXN	Peso Messikan	24,7327
			INR	Rupi Indjan	86,7555

(¹) Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 23/2020

“L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal: Wasal iż-żmien biex il-proċess tal-għażla jiġi adattat għall-ħtiġijiet ta’ reklutaġġ li qed jinbidlu”

(2020/C 369/07)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b’dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 23/2020 “L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal: Wasal iż-żmien biex il-proċess tal-għażla jiġi adattat għall-ħtiġijiet ta’ reklutaġġ li qed jinbidlu” għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista’ jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: <http://eca.europa.eu>.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Avviż mill-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja li jikkonċerna d-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u għall-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi

(2020/C 369/08)

AVVIŻ TA' APPLIKAZZJONI GĦAL KONĊESSJONI GĦALL-PROSPETTAR U L-ESPLORAZZJONI TA' DEPOŻITI TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS NATURALI U GĦALL-ESTRAZZJONI TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS NATURALI

TAQSIMA I: BAŻI ĠURIDIKA

1. L-Artikolu 49ec(2) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni tad-9 ta' Ġunju 2011 (Il-Ġurnal tal-Liġijiet (*Dziennik Ustaw*) 2020, il-punt 1064, kif emendat)
2. Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3; Edizzjoni Speċjali bil-lingwa Pollakka: Kapitolu 6, Volum 2, p. 262)

SEZZJONI II: ENTITÀ LI QED ISSEJJAĦ GĦALL-OFFERTI

Isem: Il-Ministeru għall-Ambjent

Indirizz postali:

ul. Wawelska 52/54

00-922 Warsaw

POLAND

Tel. +48 223692449

Faks +48 223692460

Sit web: www.gov.pl/web/srodowisko

TAQSIMA III: SUĠĠETT TAL-PROĊEDURA

1) **Informazzjoni dwar is-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal konċessjoni:**

Ġiet sottomessa applikazzjoni għal konċessjoni għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u tal-gass naturali u l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass naturali fiż-żona "Żarówka" mill-awtorità ta' konċessjoni.

2) **It-tip ta' attivitajiet li għalihom il-konċessjoni għandha tingħata:**

Konċessjoni għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u tal-gass naturali u l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass naturali fiż-żona "Żarówka", partijiet tal-blokok tal-konċessjoni Nri 374, 375, 394, 395 u 415.

3) **Iż-żona li fiha l-attivitajiet għandhom jitwettqu:**

Il-konfini taż-żona huma ddefiniti permezz tal-linji li jgħaqqdu l-punti bil-koordinati li ġejjin fis-sistema ta' koordinati PL-1992:

Nru	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
1	270 540,043	672 311,742
2	249 443,453	672 878,103
3	245 290,899	669 473,151
4	240 958,636	665 921,830
5	237 577,757	665 495,763
6	237 410,575	650 413,455
7	239 417,422	650 357,023

Nru	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
8	238 508,655	648 788,837
9	243 613,841	646 403,423
10	249 610,064	642 378,845
11	272 901,839	642 324,883
12	275 644,856	655 439,420
13	281 714,994	660 677,582
14	281 732,174	663 835,806
15	277 531,651	670 376,646
16	271 201,938	670 339,108

bl-eċċezzjoni taż-żoni Nri 1-3, konfinati permezz tal-linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

iż-żona Nru 1:

Nru	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
1	253 717,84	659 764,02
2	251 939,39	662 811,64
3	250 457,41	663 851,33
4	249 458,27	663 878,05
5	249 431,37	662 878,69
6	250 913,54	661 839,11
7	252 329,78	659 091,17

iż-żona Nru 2:

Nru	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
1	243 841,27	652 408,86
2	243 704,28	652 859,09
3	242 160,78	653 402,84
4	241 942,54	652 079,84
5	242 104,56	650 665,63
6	242 538,42	650 063,90
7	242 988,25	650 051,86

iż-żona Nru 3:

Nru	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
1	239 836	658 121
2	239 517	658 892
3	240 337	660 407
4	240 349	661 365
5	239 838	661 533

Nru	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
6	239 595	660 944
7	238 995	661 013
8	238 365	660 292
9	238 360	660 175
10	238 425	659 983
11	239 673	660 009
12	239 103	658 799
13	239 277	658 137

Iż-żona tas-superfiċje tal-projezzjoni vertikali taż-żona hija 1 072,40 km².

Post amministrattiv:

il-Provinċja ta' Małopolskie;

id-Distrett ta' Dąbrowa: il-muniċipalitajiet rurali ta' Mędrzechów, Radgoszcz u Olesno; il-muniċipalitajiet urbani-rurali ta' Szczucin u Dąbrowa Tarnowska;

id-Distrett ta' Tarnów: il-muniċipalitajiet rurali ta' Lisia Góra, Tarnów u Skrzyszów;

il-Provinċja ta' Podkarpackie;

id-Distrett ta' Mielec: il-muniċipalitajiet rurali ta' Borowa, Czermin, Wadowice Górne u Mielec; il-muniċipalitajiet urbani-rurali ta' Radomyśl Wielki u Przecław;

id-Distrett ta' Dębica: il-muniċipalitajiet rurali ta' Żyraków u Czarna; il-muniċipalità urbana-rurali ta' Pilzno.

4) Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal konċessjoni minn entitajiet oħra interessati fl-attività li għaliha għandha tingħata l-konċessjoni, mhux inqas minn 90 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea:

L-applikazzjonijiet 'għal konċessjoni jridu jiġu sottomessi lill-Ministeru tal-Ambjent sa mhux iktar tard min-nofsinhar (12:00) (CET/CEST) tal-aħħar jum tal-perjodu ta' 180 jum li jibda mill-għada tad-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

5) Kriterji ta' valutazzjoni għall-applikazzjonijiet għal konċessjoni u speċifikazzjoni tal-ponderazzjoni ta' tagħhom stabbilita b'kunsiderazzjoni xierqa tal-Artikolu 49k(1), (1a) u (3) tal-Att dwar il-Liġi Ġeoloġika u Minerarja:

L-applikazzjonijiet li jaslu se jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

30 % — l-ambitu u l-iskeda tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, jew l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni proposti;

20 % — l-ambitu u l-iskeda tal-ġbir obligatorju ta' kampjuni miksuba matul l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, inklużi l-massi ċilindriċi tat-tħaffir;

20 % — il-kapaċitajiet finanzjarji li joffru garanzija adegwata li l-attivitajiet marbuta rispettivament mal-prospettar u mal-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi u mal-estraxxjoni tal-idrokarburi se jitwettqu, u b'mod partikolari s-sors u l-metodi ta' finanzjament tal-attivitajiet maħsuba, inkluż is-sehem tal-fondi proprji u l-finanzjament estern;

20 % — it-teknoloġija proposta għat-twettiq tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi jew l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni;

5 % — il-kapaċitajiet tekniċi għall-prospettar u għall-esplorazzjoni, rispettivament, ta' depożiti tal-idrokarburi u għall-estraxxjoni tal-idrokarburi, u b'mod partikolari d-disponibbiltà tal-potenzjal tekniku, organizzattiv, loġistiku u tar-riżorsi umani xieraq (inkluż 2 % għall-kollaborazzjoni, fir-rigward tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prospettar, għall-esplorazzjoni u għall-estraxxjoni ta' idrokarburi, flimkien ma' korpi xjentifiċi attivi fir-riċerka tal-ġeoloġija tal-Polonja, u ta' għodod, teknoloġiji u metodi analitiċi għall-prospettar ta' depożiti tal-idrokarburi li jqisu l-ispeċifità tal-kundizzjonijiet ġeoloġiċi Pollakki u li jistgħu jiġu applikati f'dawk il-kundizzjonijiet, inklużi fil-lista ta' korpi xjentifiċi attivi msemmija fl-Artikolu 49k(1) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estraxxjoni);

5 % — l-esperjenza fil-prospettar u fl-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi jew fl-estrazzjoni tal-idrokarburi, l-iżgurar ta' operazzjoni sikura, il-protezzjoni tal-ħajja u tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali, u l-ħarsien tal-ambjent.

Jekk, wara l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet abbażi tal-kriterji speċifikati hawn fuq, żewġ offeriti jew aktar jiksbu l-istess riżultat, l-ammont tat-tariffa għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt minerarju dovuti matul il-fażi tal-prospettar u tal-esplorazzjoni se jintuża bħala kriterju addizzjonali li jippermetti li ssir għażla finali bejn l-offerti kkonċernati.

TAQSIMA IV: INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

IV.1) L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

Ministerstwo Środowiska [Ministry of the Environment]
Departament Geologii i Koncesji Geologicznych [Geology and Geological Concessions Department]
ul. Wawelska 52/54
00-922 Warsaw
Poland

IV.2) L-informazzjoni tista' tinkiseb:

- mis-sit web tal-Ministeru tal-Ambjent: <https://www.gov.pl/web/srodowisko>
- mid-Dipartiment tal-Ġeoloġija u tal-Konċessjonijiet Ġeoloġiċi

Il-Ministeru għall-Ambjent
ul. Wawelska 52/54
00-922 Varsavja
Il-Polonja

Tel. +48 225792449

Faks +48 225792460

Posta elettronika: sekretariat.dgk@srodowisko.gov.pl

IV.3) Deċiżjoni ta' kwalifika:

L-applikazzjonijiet għall-konċessjoni jistgħu jiġu sottomessi minn entitajiet li fir-rigward tagħhom tkun inħarġet deċiżjoni li tikkonferma r-riżultat pożittiv ta' proċedura ta' kwalifika, kif previst fl-Artikolu 49a(17) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni.

IV.4) Tariffa minima għall-istabbiliment tad-drittijiet ta' użufrutt minerarju:

L-ammont minimu tat-tariffa għall-istabbiliment tad-drittijiet ta' użufrutt minerarju għaż-żona "Żarówka" matul il-perjodu bażi ta' ħames snin tal-fażi tal-prospettar u tal-esplorazzjoni huwa ta' PLN 245 740,46 (mitejn u ħamsa u erbgħin elf, seba' mija u erbgħin zloty, sitta u erbgħin grosz) fis-sena. It-tariffa annwali għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt minerarju għall-fini ta' prospettar u ta' esplorazzjoni ta' minerali huwa indiciżzat mal-indiċijiet tal-prezzijiet annwali medji tal-konsumatur stabbiliti b'mod kumulattiv għall-perjodu mill-konklużjoni tal-ftehim sas-sena ta' qabel id-data għall-ħlas tat-tariffa, kif imħabbar mill-President tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika *Monitor Polski* (Il-Gazzetta Uffiċjali).

IV.5) L-għoti tal-konċessjonijiet u l-istabbiliment ta' użufrutt minerarju

L-awtorità ta' konċessjoni, wara li tkun kisbet l-opinjoni jew il-ftehimiet meħtieġa skont l-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni, se tagħti konċessjonijiet għall-prospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi u għall-estrazzjoni tal-idrokarburi:

- 1) lill-entità li l-applikazzjoni għal konċessjoni tagħha tkun ingħatat l-ogħla punteġġ, jew
- 2) meta applikazzjoni għal konċessjoni ppreżentata b'mod konġunt minn diversi entitajiet tingħata l-ogħla punteġġ, lill-partijiet fil-ftehim ta' kooperazzjoni – ladarba dak il-ftehim ikun ġie sottomess lill-awtorità tal-konċessjoni
 - u, fl-istess ħin, mhux se tagħti konċessjonijiet lil entitajiet oħra (l-Artikolu 49ee (1) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni).

L-awtorità ta' konċessjoni se tikkonkludi kuntratt ta' użufrutt minerarju mal-entità li l-applikazzjoni għal konċessjoni tagħha tkun ingħatat l-ogħla punteġġ u, fejn applikazzjoni għal konċessjoni sottomessa b'mod konġunt minn entitajiet diversi entitajiet tingħata l-ogħla punteġġ, mal-entitajiet kollha li ppreżentaw l-applikazzjoni konġunta (l-Artikolu 49ee (2) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni). Sabiex ikun jista' jwettaq attivitajiet li jinvolvu l-prospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi u l-estrazzjoni tal-idrokarburi fil-Polonja, operatur irid ikollu d-drittijiet ta' użufrutt minerarju u konċessjoni.

IV.6) Ir-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-applikazzjonijiet għal konċessjoni u d-dokumenti meħtieġa mill-applikanti:

L-Artikolu 49eb tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni jispjega l-partijiet komponenti tal-applikazzjoni għal konċessjoni.

L-età ġeoloġika tal-formazzjonijiet fejn se jitwettqu xogħlijiet ġeografiċi (skop ġeoloġiku) għandha tiġi indikata bħala l-għan tax-xogħlijiet, inkluż l-operazzjonijiet ġeoloġiċi.

IV.7) Kategorija minima tal-esplorazzjoni tad-depożiti:

Il-Kategorija C hija l-kategorija minima tal-esplorazzjoni tad-depożiti taż-żejt u tal-gass naturali fiż-żona “Żarówka”.

Fisem il-Ministru
Il-Ministeru għall-Ambjent

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.9985 — GardaWorld/G4S)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 369/09)

1. Fit-23 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Garda World Security Corporation ("GardaWorld", il-Kanada), ikkontrollata minn BC Partners LLP (ir-Renju Unit) u Stephan Crétier, ċittadin Kanadiż,
- G4S plc ("G4S", ir-Renju Unit)

GardaWorld takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' G4S kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-30 ta' Settembru 2020.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- GardaWorld: kumpanija ta' servizzi ta' sigurtà u servizzi ta' flus kontanti, li toffri servizzi fiżiċi ta' sigurtà, soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-flus minn tarf sa tarf u ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà.
- G4S: negozju tas-sigurtà integrat globali, li joffri firxa wiesgħa ta' servizzi ta' sigurtà madwar id-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9985 — GardaWorld/G4S

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9609 — Mann Mobilia/Tessner Holding/Tejo/Roller)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 369/10)

1. Fit-23 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Mann Mobilia Beteiligungs GmbH ("Mann Mobilia", il-Ġermanja), ikkontrollata minn XXXLutz KG,
- Tessner Holding KG ("Tessner Holding", il-Ġermanja),
- Tejo Möbel Management Holding GmbH & Co. KG ("Tejo", il-Ġermanja), bħalissa kkontrollata minn Tessner Holding,
- Roller GmbH & Co. KG ("Roller", il-Ġermanja), bħalissa kkontrollata minn Tessner Holding.

Mann Mobilia u Tessner Holding jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Tejo u Roller.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Mann Mobilia: Sussidjarja tal-XXXLutz Group, li jopera f'diversi pajjiżi Ewropej bħala bejjiegħ ta' prodotti tal-għamara, tagħmir ieħor tal-għamara u prodotti tad-dar,
- Tessner Holding: il-kumpanija prinċipali tat-Tessner Group, li permezz, fost oħrajn, ta' Tejo u Roller, topera primarjament fil-Ġermanja bħala bejjiegħa ta' prodotti tal-għamara, tagħmir ieħor tal-għamara u prodotti tad-dar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9609 — Mann Mobilia/Tessner Holding/Tejo/Roller

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Europäische Kommission
Generaldirektion Wettbewerb
Reġistratur Fusionskontrolle
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)